MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 704/2008/1

**Talba Numru: 704/2008/YMS**

**S & R (Handaq) Limited**

**vs**

**Technical Surveys Bureau Limited (C 30639) u skond il-verbal tal-24 ta' Ottubru 2008 l-isem tas-socjeta' konvenuta ghandha ssir tinqara "Technical Services Bureau Limited".**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fil-5 ta' April 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

***Ra** t-TALBA tas-socjeta attrici formulata hekk:-*

*L-attrici titlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jordna lill-konvenuta thallas lill-attrici kumpens ekwu u gust li jigi illi kwidat minn dan it-Tribunal, wara li l-konvenuta naqset illi tirritorna recipjent tal-hadid (isotank) tal-elf litru (lt 1,000) proprjeta' tal-attrici li fih kien gie ikkonsenjat methanol 501.52 kif jidher mill-fattura tat-2 t'Awwissu 2006 (Sok SR1)*

*Il-konvenuta baqghet inadempjenti nonostante ittra legali tat-8 t'April 2008 (Dok SR2)*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-attrici ghar-ritorn tal-imsemmi recipjent u ghal kumpens ulterjuri sakemm jigi ritornat ir-recipjent.*

*Ghal skopijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi t-talba ma teccedix is-somma ta' elfejn euro (€2,000)*

***Ra** r-RISPOSTA tas-socjeta' konvenuta kif gej:-*

*Preliminarjament il-fatt illi s-socjeta' indikata bhala konvenuta hija inezistenti, x'aktarx li l-attur kellu f'mohhu s-socjeta' Technical Services Bureau Limited, li ghan-nom taghha qed isiru dawn l-eccezzjonijiet.*

*Sekondarjament il-fatt illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza li jisma' din il-kawza. It-talba li qed iressaq l-attur ma hijiex strettament money claim. Ghax ex admissis qed jirrikonoxxi li ma hemmx kaz ta' bejgh. L-attur irid l-ewwel jipprova li huwa kien il-propjetarju tat-tank in kwestjoni, imbaghad irid jipprova li gie spussessat minnu illegalment, imbaghad jista' jitlob ritorn ghall-istess u fin-nuqqas likwidazzjoni ta' danni jekk dan ma jigix ritornat. Dan jizboq sew il-kompetenza ta' dan it-Tribunal li ai termini tal-artikolu 3 (2) tal-Att Dwar it-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar, ghandu **biss** setgha li jisma' money claims.*

*Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kienu r-rappresentanti tas-socjeta' attrici li taw it-tank b'xejn lis-*

*socjeta' konvenuta, fil-fatt ma kien hemm ebda delivery note f'das-sens.*

*In konkluzjoni l-fatt illi l-valur tat-tank huwa semmai wiehed redikolu, meta wiehed jikkonsidra li dat-tank kien abbandunat u mhux uzat.*

*Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

***PROVI***

*A Ma l-Avviz hemm esibiti kopja tal-fattura datata 02.08.06 (Dok SR1) kif ukoll ittra, datata 08.04.08 (Dok SR2) li l-avukat tas-socjeta' konvenuta baghat lis-socjeta' attrici fejn interpellaha tirritorna tank ta' elf litru, propjeta' tas-socjeta` attrici u li s-socjeta' konvenuta zammet ghandha "abusivament" ghal aktar minn sitt xhur. Jekk ma jigix ritornat, isiru proceduri "kemm ghall-gbir tat-tank u kemm ghall-hlas ta' kumpens ghal kull gurnata li ilu ghandek abusivament". F'kaz li s-socjeta' konvenuta tkun trid izzomm it-tank, trid thallas €2,061.50 fi zmien jumejn inkella "ikun mifhum li ma tridx tixtrieh"*

*B Riferibilment ghall-quantum ta' €2,061.50 gie esibit Dok GB 2 (a fol 19), datat 19.10.07 u dana fl-udjenza tal-25.01.09 waqt li kien qed jixhed ulterjorment Gregory Brincat.*

*C1* ***Gregory Brincat****, direttur manigerjali tas-socjeta' attrici qal li huma manufatturi ta' zebgha u solvents li jingarru f'tank li jista' jigi trasportat. Hawn si tratta ta' tank ta' elf litru, certifikat EDR minhabba s-sustanzza perikoluza li jista' jkun qed igorr. Lis-socjeta' konvenuta kkonsenjawlha zewg tankijiet biex meta jkun wasal fl-ahhar*
*l-ewwel tank, jaqilbu ghat-tieni u fil-frattemp s-socjeta' attrici timla l-ewwel tank. Is-size tat-tank indikat bhala 770 kilos jekwivali ghal elf litru.*

*2 Meta s-socjeta' konvenuta waqfet tixtri minghandhom is-socjeta' attrici talbet ir-ritorn tat-tank. Meta dan ma giex, ix-xhud talab il-hlas tat-tank – l-ewwel permezz ta' ittra tieghu (Dok GB1 a fol 18) imbaghad bl-avukat – DOK SR 2. Kien mar ghandhom Frank Sammut (tas-socjeta' konvenuta) biex ihallas kontijiet pendenti u fakkru fit-tank. Fir-rigward ta' kumpens, qal li meta jikru tank, jitolbu bejn LM3 – LM5 kull jum u fic-cirkostanzi qed jitlob kumpens. Dana stante li s-socjeta' konvenuta ma baqghetx tixtri solvent minghandhom.*

*3 In kontro-ezami, x-xhud qal li hu jaf li t-tank m'ghadux fl-istat li fih originarjament gie konsenjat lis-socjeta' konvenuta billi din ghamlitlu xi alterazzjonijiet. Hawn qal li allura s-socjeta' konvenuta, tista thallas tal-kirja u ma jkunx hemm pretenzjoni fuq il-prezz tat-tank.*

*D1* ***Mario Brincat****, direttur tas-socjeta' attrici qal li hu jiehu hsieb il-bejgh. Ghandhom, ghas-socjeta' konvenuta, kien imur jixtri Frank Sammut. Tank kienu, jirritornawlhom wiehed u jtuhom iehor – kif miftiehem. Il-propjeta' tat-tank kienet tas-socjeta attrici. Is-sewwieq tas-socjeta' attrici gharrafhom li t-tank li baqa ma giex ritonat saru xi aggustamenti fuqu.*

*2 It-tank kien ilu ghandhom mis-sena 2006 u nxtara minghand ditta Taljana. Huma ma jikruhomx lill-klijent izda jtuhulu bis-solvent fih u jinghata lura meta dan jispicca. It-tankijiet dejjem gew ritornati kif imiss mill-klijenti u qatt ma kien hemm htiega li jitolbu kumpens. Fil-kaz prezenti qed jitolbu kumpens ghax sabu ruhhom farradi – minn b'erbgha spiccaw bi tlieta. Fis-somma mitluba hemm il-prezz tat-tank u kumpens, stabbilit bejnu u bejn huh. Dawk it-tankijiet huma maghmula apposta ghax-xoghol partikolari taghhom.*

*E Meta raga' xehed, wara huh,* ***Gregory Brincat*** *esibixxa d-Dok GB1, GB2 li jirriferu ghall-akkwist tat-tankijiet da parti tas-socjeta' attrici. Dawn juru prezz net (GB1) ta' Liri Taljani 1,930.500 data 08.05.00. Imbaghad hemm id-deprezzament li huma ikkalkulaw bl-10 fil-mija.*

*F Raymond Barbara, jahdem mas-socjeta' konvenuta qal li ghandhom ghad fadal tank li ma giex konsenjat lis-socjta' konvnuta. Din qed tuzah u hu mimli bl-ilma.*

*G1 **Frank Sammut** ghas-socjeta' konvenuta kkonferma n-negozju li kien isir bejn iz-zewg kumpaniji. It-tankijiet kienu jzommuhom skont ftehim verbali u ma kienx ikun hemm delivery note. Giet okkazjoni meta s-socjeta' attrici halliethom bla prodott u huma marru ghand supplier iehor u qatghu l-kontijiet pendenti mas-socjeta' attrici. Wara saret it-talba ghat-tank. Hu kien tkellem ma Debrincat izda qies li l-ammont li talab dan kien ezorbitanti. Huma kienu jixtru bejn 5,000 u 10,000 litru fix-xahar.*

*2 Ammetta li t-tank li qed jissemma ghadu ghandhom pero m'ghadhomx juzawh ghax waqqfu l-produzzjoni. Jaf li rcievi l-ittra ta' Gregory Brincat u dik tal-avukat ta' dawn u lil Brincat kellmu dwarhom*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

*It-Tribunal jikkonsidra kif gej:-*

*1. Fl-ewwel lok, l-eccezzjoni preliminari dwar l-isem tas-socjeta' konvenuta, hi issa ezawrita billi saret il-korrezzjoni mehtiega.*

*2. Dwar it-tieni eccezzjoni, li t-Tribunal m'ghandux kompetenza ghax dak li qed jintalab mhux money claim, din ma tistax tigi accettata ghax it-talba attrici hi propju ghal quantum, in linea ta' kumpens, in segwitu ghall-fatt li s-socjeta' konvenuta ghandha f'idejha, tank li hu ta' propjeta' tas-socjeta' attrici. Mal-AVVIZ hemm indikazzjoni ta' quantum imsemmi fid-Dok SR2 esibit mal-AVVIZ (fl-ammont ta' €2,061.50)*

*3. Min-naha tas-socjeta' konvenuta, iz-zamma tat-tank mhiex tigi michuda u anqas qed jivvantaw xi dritt fuq it-tank.*

*4. Irrizulta li fit-tank saru xi aggustamenti, u t-tank qed jintuza mis-socjeta' konvenuta. Dan jammonta ghal*

*arrikkament indebitu, bi gwadann ghas-socjeta' konvenuta u a skapitu tas-socjeta' attrici.*

*5. Veru li l-ahwa Debrincat semmew xi kumpens konsistenti f'kiri tat-tank bit-tant kuljum izda dan aktarx sar biex forsi wiehed jasal ghal xi soluzzjoni amikevoli. B'danakollu t-talba li ghandu quddiemu t-Tribunal hi dwar il-prezz tat-tank, u xejn izjed.*

*6. Fir-rigward it-Tribunal isib li s-socjeta' konvenuta ghandha kull dritt li tithallas ghal oggett* ***taghha*** *u li s-socjeta' konvenuta zammet u ghandha zzomm f'idejha u bla ebda hsieb li tirritorna lis-sid.*

*7. Meta nigu ghall-quantum tal-kumpens, meqjus sew id-deprezzament, kif ukoll il-fatt li s-sid gie priv milli juzah ghan-negozju tieghu, it-Tribunal ihoss li, arbitrio boni viri il-quantum ta' elf u hames mitt ewro (€1,500.) hu wiehed xieraq.*

***DECIZJONI***

*Meqjus dak kollu kunsidrat hawn fuq u anke b'sens ta' ekwita' it-Tribunal jiddeciedi billi, wara li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta jikkundanna lil din li thallas lis-socjeta' attrici, ghas-saldu ta' kull pretensjoni s-somma ta' elf, u hames mitt ewro (€1,500), bl-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv. L-ispejjes jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Technical Surveys Bureau Limited datata 25 ta' Mejju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell u appell incidentali ta' S & R Handaq Limited (C-5790) datata 11 ta' Mejju 2011 a fol 3

tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar ghandha tigi riformata b'dan li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont mitlub ta' €2,000 fit-talba maghmula minnha quddiem it-Tribunal, u b'dan li jigi michud l-appell tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat li l-appell incidentali gie debitament notifikat lis-socjeta' Technical Services Limited fit-18 ta' Mejju 2011 u ma gietx ipprezentata risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet fl-ismijiet premessi datata 5 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li ma inghatatx decizjoni mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16** sollevata mis-socjeta' konvenuta fl-Ewwel Istanza.

Illi fil-verita' minn ezami tal-istess sentenza tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma giex ikkunsidrata specifikatament u fil-fatt fid-*decide* lanqas hemm riferenza ghaliha, u dan irendi l-istess decizjoni bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; mhux bizzejjed li l-istess Tribunal ikollu f'mohhu l-istess decizjoni; izda trid issir riferenza specifika ghaliha, tigi kkonsidrata effettivament fis-sentenza u tinghata decizzjoni dwarha, fis-sens li jew jinghad li ghandha tigi milqugha jew inkella tigi michuda u dan ovvjament fil-parti dispositiva tas-sentenza.

Illi minn dan kollu ma sar xejn u dan iwassal sabiex l-appell tas-socjeta' konvenuta jigi milqugh u d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar tigi revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Illi ghalhekk din il-Qorti skond l-**artikolu 8 (4) tal-Kap. 380** ser tikkonsidra hija t-talba attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, nkluza dik tal-preskrizzjoni sollevata abbazi tal- **artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16.**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni din kienet ezawrita ghaliex kienet saret korrezzjoni.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni li t-Tribunal m'ghandux kompetenza ghax dak li qed jintalab mhux *money claim,* din ma tistax tigi accettata ghax it-talba attrici hi propju ghal quantum, in linea ta' kumpens, in segwitu ghall-fatt li s-socjeta' konvenuta ghandha f'idejha, tant li hu ta' propjeta' tas-socjeta' attrici. Mal-Avviz hemm indikazzjoni ta' quantum imsemmi fid-Dok SR2 esibit mal-AVVIZ (fl-ammont ta' €2,061.50) u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni jinghad li tali eccezzjoni hija dik ta' tmintax il-xahar ghal kiri ta' hwejjeg mobbli abbazi tal-**artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16.** Issa l-kawza maghmula hija dwar kumpens ghar-recipjent proprjeta' tas-socjeta' attrici li s-socjeta' konvenuta ma rritornatx lis-socjeta' attrici u allura li l-istess oggett baqa' ghand l-istess sad-data meta saret il-kawza.

Illi mill-atti jirrizulta li tali recipjent effettivament baqa' ghand is-socjeta' konvenuta u din ma rritornatux, minkejja li giet interpellata li taghmel dan u b'hekk li t-talba hija ghall- kumpens ghall-uzu llegali tal-istess u li kawza tal-istess allura matul l-istess perjodu is-socjeta' attrici ma kienitx tista' tutilizza l-istess tank. Ghalhekk it-talba li qed issir ma hijiex dwar kiri tal-istess oggett (**"Vincent Curmi vs John Bosco Bonaci"** – P. A. (RCP) – 27 ta' April 2006) u allura tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tapplikax

ghall-kaz in ezami u ghalhek qed tigi michuda ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi dwar il-mertu jirrizulta li effettivament l-imsemmi recipjent kien inghata lis-socjeta’ intimata bil-prodotti li hija kienet tixtri minghand is-socjeta’ attrici, izda dan ma giex ritornat lis-socjeta’ attrici, minkejja li giet mitluba taghmel dan anke permezz ta’ ittra datata 19 ta’ Ottubru 2007 (Dok. “GB 1” – fol. 18), u allura l-istess oggett baqa’ ghandha. Jidher li s-sitwazzjoni baqghet hekk sallum, anke mill-esposizzjoni tal-fatti tal-kaz kif esposti mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, sabiex bazikament illum is-socjeta’ attrici qed titlob li tigi kkompensata tar-recipjent li baqa’ ghand is-socjeta’ intimata u ma giex ritornat u dan il-kumpens jikkonsisti fin-nuqqas ta’ uzu li l-istess socjeta’ attrici lahqet ghamlet saz-zmien tal-kawza.

Illi fl-fatt jirrizulta mix-xhieda ta’ Frank Sammut datata 16 ta’ Marzu 2010 li jidher li ma ntallahaqx qbil bejn il-partijiet peress li l-ammont li kien qed jintalab mis-socjeta’ attrici kien skond l-istess rappresentant tas-socjeta’ konvenuta wiehed ezorbitanti. B’hekk ma hemm ebda dubju li t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghaliex giet ippruvata fil-mertu u jibqa’ biss jigi determinat l-ammont li ghandu jigi likwidat in vista tat-talba attrici.

Illi dwar l-ammont ta’ kumpens din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ €2,000 huwa wiehed esorbitanti, tenut kont li l-istess recipjent kien effettivament jinghata lis-socjeta’ konvenuta mal-prodott li kien jixtri. Gie ndikat il-valur tieghu, izda ma hemm l-ebda prova ta’ kemm dwar il-valur attwali tieghu llum, izda certament li l-valur tieghu sofra deprezzament. Dwar il-kera tieghu, hemm stima li jidher li l-istess socjeta’ attrici qed tibbaza ruhha fuqha, izda din bl-ebda mod ma hija kkorroborata u ghalhekk din il-Qorti jkollha tistabilixxi ammont *arbitro boni viri,* anke tenut kont tal-fatt li kif jidher mill-atti s-socjeta’ attrici qed titlob kumpens ghall-uzu llegali tal-istess recipjent ghall-perjodu qabel jew sal-prezentata tal-kawza odjerna, tant li qed tippretendi li ghandha drittijiet kontra s-socjeta’ konvenuta ghall-valur ulterjuri u dan kif jirrizulta mill-atti prezentati

mill-istess socjeta’ attrici. In vista ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li l-kumpens li ghandha thallas is-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici skond it-talba attrici kif proposta huwa dak ta’ hames mitt ewro (€500).

Illi dwar l-appell incidentali jinghad li dan huwa dwar l-ammont ta’ kumpens li kien illikwidat mit-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar in vista tad-decizjoni tieghu; la darba tali decizjoni giet iddikjarata nulla u bla effett, mela allura il-mertu tal-appell incidentali ma setghax jigi kkunsidrat in kwantu jittenta jirriforma s-sentenza appellata, proprju ghaliex tali decizjoni giet resa nulla u bla effett in vista ta’ din id-decizjoni. B’konsegwenza ta’ dan, l-appell incidentali kif propost ma jistax ireggi.

Illi kwantu ghall-argumenti hemm imressqa dawn gew ikkunsidrati meta din il-Qorti trattat il-kawza hija fil-mertu wara li giet annullata d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, u f’dan il-kuntest jidher ukoll li l-istess Qorti odjerna hadet in konsiderazzjoni meta kkonsidrat il-mertu u l-likwidazzjoni mitluba dak sottomess mis-socjeta’ appellata kemm fl-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal u dak indikat fl-appell incidentali, ovvjament bhala sottomissjonijiet in vista tat-talba kif maghmula fid-dawl tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta. Minn dan jirrizulta u din il-Qorti tikkonferma li l-ammont li jidher li qed jigi vantat mis-socjeta’ attrici huwa fic-cirkostanzi esagerat u allura ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha fl-ammont imsemmi ta’ €500 li l-Qorti waslet ghalih *arbitro boni viri.*

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tas-socjeta’ appellata datata 11 ta’ Mejju 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mis-socjeta’ konvenuta appellanti datat 25 ta’ April 2011 b’dan li din il-Qorti qed tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi “S & R (Handaq) Limited vs Technical Surveys Bureau Limited u skond il-verbal tal-24 ta’ Ottubru 2008 l-isem**

**tas-socjeta' konvenuta ghandha issa tinqara "Technical Services Bureau Ltd" (Talba Numru 704/2008/YMS) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u minhabba dan, qed tichad l-appell incidentali interpost mis-socjeta' appellata S & R Handaq Limited datat 11 ta' Mejju 2011, u ghalhekk abbazi tal-artikolu 8 (4) tal-Kap. 380 qed tiddeciedi l-mertu tal-azzjoni attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' ntimata, b'dan li fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 2148 (f) tal-Kap. 16 peress li ma hijiex applikabbli ghall-kaz odjern, izda tichad l-eccezzjonijiet l-ohra fil-mertu ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li din il-Qorti tilqa' t-talba attrici biss fis-sens li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) bhala kumpens illikwidat minn din il-Qorti wara li s-socjeta' konvenuta naqset li tirritorna recipjent tal-hadid (isotank) tal-elf litru (lt 1,000) proprjeta' tal-attrici li fih kien gie kkonsenjat methanol 501.52 kif jidher mill-fattura tat-2 t'Awwissu 2006 (Dok. SR1).**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi stante n-natura tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta appellanti Technical Services Bureau Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------